# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1254/2021 AD**

## JOHN BUGEJA (KI 29538M)

**VS**

## SOFIJA GEORGANTAS (KI 0108761A)

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, sitta u għoxrin (26) ta’ Settembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba mir-rikorrent John Bugeja għar-rifużjoni tas-somma kumplessiva ta’ wieħed u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€21,600) mill-intimata Sofija Georgantas, allegatament mislufa mir-rikorrent lill-intimata;

**Preliminari**

2. Permezz ta’ rikors ġuramentat preżentat fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Diċembru 2021, **John Bugeja** ippremetta:

a. Illi huwa jinsab kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) b'titolu ta' self *brevi manu*, somma mgħoddija a favur tar-rikorrent (sic) fil-kont tagħha mal-BNF Bank plc (C41030) permezz ta' trasferiment bankarju *online* kif jirriżulta minn **Dok A**;

b. Illi s-self ingħata fit-8 ta' Jannar 2021, bil-promessa tal-intimata u bil-patt espress bejniethom li din is-somma kellha tiġi mħallsa lura fi żmien xahrejn (2) cioe fit-8 ta' Marzu 2021. Peress li kien se jkun *short-term* u emminha li se tkun onesta u puntwali fir-rifużjoni, ma imponiex imgħax u lanqas esiġa kitba;

c. Illi l-imsemmi self kien intiż bħala *short term loan* sabiex, kif spjegatlu, l-intimata tilħaq għan termponaju iżda urġenti li kellha f'dik l-epoka biex turi lil xi entita' jew awtorita' li għandha kapital biżżejjed fil-kont bankarju tagħha biex tista' taffordja li ġġib u żżomm magħha f'Malta u bħala dependenti lil bintha minuri Samantha (li tinsab is-Serbja m'omm l-intimata – familja Serbjana) u dan in konnessjoni ma' kawża pendenti kontra żewġha fil-Qorti tal-Familja – kollox kif kellu jiġi pruvat fil-mori;

*[omissis - paġna mhux preżentata in atti]*

għoxrin Ewro) – liema somma hi dovuta u skaduta għall-ħlas mill-intimata;

d. Illi hawnhekk jeħtieġ li din l-Onorabbli Qorti tifhem ix-xenarju li wassal għall-kawża odjerna;

e. Minħabba l-inadempjenza u l-prevarikazzjoni ripetuta tal-intimata ġiet introdotta ittra uffiċjali kontra l-intimata odjerna bl-istess ismijiet skont l-Art 166A tal-Kap 12 (Ittra 109/21) u sar ir-relattiv Sekwestru Esekuttiv għas-somma ta' EUR 21,620. Dak is-Sekwestru rriżulta f'Ċedola ta' Depożitu mill-BNF Bank Ltd (nru 1570/21) (ara kopja **Dok F**) fil-Prim'Awla Ċivili fejn il-BNF Bank iddepożitaw ammont nett ta' EUR20,045;

f. Illi pero l-konvenuta kkontestat il-validita' tal-ittra b'rikors nru 257/21 MF. Dik il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2021 iddeċidiet billi ddikjarat ukoll null it-titolu eżekuttiv tas-Sekwestru. Fil-pront l-intimata ppreżentat kontro-mandat fuq is-sekwestru oriġinali;

g. Illi dan wassal biex iċ-ċedola ta' depositu fuq imsemmija ma baqgħetx protetta bis-sekwestru oriġinali; għalhekk ir-rikorrent kien kostrett jippreżenta sekwestru kawtelatorju fil-Prim'Awla Ċivili ġdid fl-istess ismijiet (nru 1810/21) u dan ġie akkordat. Dan servih mhux biss fuq tliet banek, iżda wkoll fuq ir-Reġistratur ossia d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali biex is-somma ta' EUR 20,045 tibqa' hemm in kawtela sakemm il-ġudizzju odjern jiġi deċiż, kif ukoll b'ittra a bażi tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 ta' *[omissis – kitba indeċifrabbli]*. Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali 166A, ir-Rikors instema' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Rik Nru 257/21 MF) biex tattakka l-validita' tal-imsemmija ittra uffiċjali;

h. Illi b'sentenza tal-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Novembru 2021, l-ittra uffiċjali 166A li kien ippreżenta l-attur odjern ġiet dikjarata nulla u bla effett minħabba li l-Qorti aċċettat it-tesi tal-imsemmija Sofija Georgantas li kien hemm difetti intrinsiċi konsistenti f'nuqqas tad-dettalji / informazzjoni rikjesta, partikolarment bi ksur tal-Art ... tal-Kap 12, Liġijiet ta' Malta. Jiġi preċiżat hawnhekk li l-imsemmija deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma daħlet xejn fil-meritu jekk is-self huhiex dovut u kkunsidrat biss il-kwistjoni tal-validita' tal-ittra uffiċjali *'de quo'* skond il-provvedimenti dwar l-ittra uffiċjali skont l-Artikolu 166A 'et sequitur';

i. Illi sadanittant, u anke qabel ma l-istess Georgantas ipproċediet kif spjegat hawn fuq, kienet saret ċedola ta' depositu mill-BNF Bank Malta plc in ottemporanza mal-mandat ta' sekwestru li kien ippreżenta l-esponent bl-ismijiet 'John Bugeja vs Sofija Georgantas' u ddepożitaw ammont nett ta' EUR 20,045 wara li ddeduċew l-ispejjes u drittijiet legali tal-imsemmi Bank;

j. Illi fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-esponent, u għax antiċipa li d-debitriċi kienet issa sejra tipprova tieħu lura s-somma sekwestrata u koperta biċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmi billi hi tippreżenta talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat, --- huwa ippreżenta bla dewmien fis-7 ta' Novembru 2021 mandat ta'sekwestru ġdid għas-somma ppreżentata biċ-ċedola ta' depożitu viġenti ... u, barra li talab in-notifika bil-mandat fuq numru ta' banek, issekwestra l-istess somma f'idejn id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali (ara anness kopja **Dok B**). Huwa b'dik il-proċedura illimita ruħu għas-somma depositata biex ikun konformi mal-ammont taċ-ċedola, għalkemm din ma tilħaqx l-ammont kollu dovut;

k. Illi wara li l-avukat sottoskritt tkellem mal-avukat tal-konvenuta u avżah bl-offerta ta' ħlas li saret mill-intimata lill-attur bit-telefon, dan wera li ma kien jaf b'xejn minn dan ... minn xi telefonati li reġgħu ġew kambjati l-għada bejn l-avukati ġie jidher ċar li mhux talli l-konvenuta nnegat li għamlet xi offerta ta' ħlas (!) iżda li xi ġranet qabel kienet ippreżentat (kif previst mill-attur) kontro-mandat biex iwaqqa' l-mandat li kien jiddependi għall-effettivita' tiegħu mill-ittra 166A li ġiet dikjarata nulla;

l. Illi għalhekk jidher ċar li l-konvenuta titkellem b'żewġ ilsna, tibbluffja, u qed iġġib ruħha – għal darb'oħra – b'mod li ma jistax wieħed jafdaha... għax uriet li mhix veritiera. B'hekk ġiet meħtieġa dina l-kawża;

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara li l-intimata hi debitriċi tar-rikorrent fiż-żewġ ammonti indikati, u għalhekk jiġi kanonizzat kreditur tagħha fl-ammont totali ta' EUR21,600;*

*[omissis – paġna duplikata]*

*ii. Tiddikjara li bin-nuqqas (default) tal-intimata milli tħallas ir-rati mifthiema ta' sittin Ewro fix-xahar hi ddekadiet mill-benefiċċju taż-żmien, u*

*għalhekk il-prezz ta' mobile phone (EUR1200) hu dovut kollu kemm hu flimkien mad-dejn prinċipali;*

*iii. Tikkundanna lill-intimata biex tħallas lir-rikorrent is-somma kapitali ta' wieħed u għoxrin elf, sitt mija u għoxrin Ewro (EUR 21,620), piu l-imgħax, b'effett mit-8 ta' Marzu 2021 sal-ħlas totali effettiv;*

*iv. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jirtira u jirċievi s-somma ta' għoxrin elf u ħamsa u erbgħin ewro (EUR 20,045) li tinsab depositata biċ-ċedola ta' depożitu nru 1870/21 u sekwestrata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili permezz tal-mandat ta' sekwestru nru 1810/21, u jħalli d-debita riċevuta favur l-intimata, u dan bi ħlas akkont tal-kapital lilha misluf, salv li hi tibqa' obbligata tħallas id-differenza skont il-paragrafi 3 u 5;*

*v. Tikkundana lill-intimata tħallas l-ispejjeż tal-ġudizzju preżenti kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru 1810/21 (Prim'Awla) fl-istess ismijiet ... preżentat u akkordat fis-7 ta' Marzu 2021.*

Bl-ispejjeż;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tmintax (18) ta' Frar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi, u sabiex ir-rikorrent jippreżenta wkoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tat-talba tiegħu;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta (3) ta' Frar 2022, **Sofija Georgantas** eċċepiet:

   a. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat matul is-smigħ tal-kawża u illi l-konvenuta m'għandha tagħti ebda somma flus lill-attur;

b. Illi l-allegazzjoni li qed jagħmel l-attur li s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) ġew 'mislufa' lill-konvenuta sabiex tissodisfa xi rekwiżit ma' xi Entita' jew Awtorita' sabiex tkun tista ġġib lill-bintha tgħix magħha mis-Serbja hija għal kollox invertiera u nfondata u dan kif ser jiġi ppruvat matul il-kawża;

c. Illi fattwalment ser jirriżulta illi s-self tal-flus kien sar sabiex huwa jgħin lill-konvenuta fil-ġestjoni tan-negozju tagħha, fejn hi topera 'salon'. Fil-fatt, l-attur kien ħoloq kumpanija speċifikament għal dan il-għan fejn huwa kien l-unika azzjonist u filwaqt illi l-konvenuta kienet l-unika Direttriċi ta' din il-kumpanija;

d. Illi għaldaqstant l-ammont ta' €20,000 illi l-attur jallega illi sellef lill-konvenuta fil-fatt ma kien self xejn iżda kienet somma mogħtija lill-konvenuta f'forma ta' għajnuna finanzjarja sabiex din tal-aħħar tkun tista' tinvesti u twettaq ċertu titjib fin-negozju tagħha;

e. Illi fil-fatt din mhix l-ewwel darba illi l-attur ta lill-attriċi flejjes illi ma kienux self u s-somma ta €20,000 pretiża mill-attur lanqas ma kien self. Għal kuntrarju ta' dak li jingħad mill-attur, dwar dan l-ammont qatt ma kien hemm xi ftehim espress u wisq anqas taċitu li din is-somma titħallas lura b'xi mod mill-konvenuta lill-attur, la fi żmien xahrejn u lanqas fl-ebda terminu ieħor;

f. Illi t-talba ulterjuri għal elf u mitejn Ewro (€1,200) rappreżentanti prezz ta' mobile phone hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dan il-mobile phone kien ingħata lill-konvenuta bħala rigal u ma kien hemm l-ebda ftehim dwar xi ħlasijiet fix-xahar;

g. Illi l-allegazzjoni li l-konvenuta għamlet xi offerta ta' ħlas lill-attur qiegħda tiġi respinta bil-qawwa kollha stante illi din m'hi xejn ħlief invenzjoni tal-attur;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent u d-dokumenti annessi miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta tal-konvenuta;

8. Rat l-affidavit tar-rikorrent **John Bugeja** immarkat **Dok JB** a fol 29b *et seq* tal-proċess;

9. Rat l-affidavit ta' **Philip Bugeja** immarkat **Dok PB** a fol 29h *et seq* tal-proċess;

10. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **John Bugeja** waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'April 2022[1];

11. Rat l-affidavit ta' **Nicholas sive Nikki Dimech**, immarkat **Dok JRP1** a fol 39 *et seq* tal-proċess;

12. Rat it-traskrizzjoni ġuramentata ta' *recording* ta' konversazzjonijiet telefoniċi esebiti mir-rikorrent in atti permezz ta' *pen-drive* waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'April 2022 (a fol 50 *et seq* tal-proċess);

13. Rat l-affidavit tal-intimata **Sofija Georgantas**, a fol 74 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

14. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Sofija Georgantas** a fol 102 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

15. Rat l-affidavit ta' **Mary Madalene sive Madlyn Calleja Urry** a fol 103 tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 30 *et seq* tal-proċess;

16. Rat l-affidavit ta' **Dusica Jahovic** a fol 108 tal-proċess;

17. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **John Bugeja** prodott mill-intimata in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2023[2];

18. Semgħet ix-xhieda tal-intimata **Sofija Georgantas** prodotta mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023[3];

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tlieta (3) ta' Mejju 2023, a fol 143 *et seq* tal-proċess;

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata tlieta (3) ta' Mejju 2023, a fol 150 *et seq* tal-proċess;

21. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Mejju 2023[4];

22. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

23. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

24. Il-każ odjern huwa wieħed fejn mhux qiegħed jiġi kontestat illi r-rikorrent għadda somma ta' flus lill-intimata, iżda dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa jekk din is-somma ta' flus għaddietx b'titolu ta' self, f'liema każ l-intimata għandha l-obbligu illi tħallas l-istess somma lura lir-rikorrent, jew b'titolu ta' donazzjoni;

25. Min-naħa l-waħda, ir-rikorrent qiegħed jinsisti illi huwa sellef is-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) lill-intimata stante illi l-intimata kellha kawża fil-

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 109 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 116 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali tinsab a fol 161 *et seq* tal-proċess

Qorti s-Serbja kontra l-ex-raġel tagħha, illi fiha kellha ġġib prova illi hija kellha mezzi finanzjarji simili għal, jew aktar favorevoli, minn tal-ex-raġel tagħha, sabiex tikkonvinċi lill-Qorti Serba illi hija kellu jkollha kura u kustodja ta' bintha Samantha. In oltre, ir-rikorrent qed jgħid ukoll illi huwa sellef lill-intimata s-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) sabiex tixtri telefon ċellulari ġdid, liema somma l-intimata kienet wegħditu illi sejra tirrifondi f'pagamenti mensili ta' sittin Ewro (€60);

26. Mill-banda l-oħra, l-intimata ssostni illi s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) kienet donazzjoni mingħand ir-rikorrent, sabiex tiġi stabbilita kumpanija u tiftaħ *salon* ġdid wara illi s-*salon* illi fih kienet tagħmel xogħolha bħala *hairdresser* – liema *salon* kien stabbilit fi proprjeta' ta' iben ir-rikorrent – kien ħa n-nar. In oltre tgħid ukoll illi t-telefon ċellulari wkoll ingħata lilha mir-rikorrent bħala rigal, u li ma kien hemm l-ebda ftehim illi hija kellha tirrifondi s-somma t'għoxrin elf Ewro (€20,000) jew ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600);

27. Hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Fidele sive Teddy Aquilina et vs Stephen Buttigieg***[5]:

> *Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet u l-preponderanza tal-provi. Jiksbu relevanza l-kriterji ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet.*

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) għamlet ukoll referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs Raymond Galea et***[6], fejn ġie ritenut:

[5] Rik Nru 317/15, Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 t'Ottubru 2022
[6] Ċit Nru 2590/99, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 ta' Settembru 2013, konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017

*...Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd). Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha*

*(App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Għamlet ukoll referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borg***[7], u cioe:

> *[K]if paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna "l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". (Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; Paul Vassallo vs Carmelo Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986).*
>
> *Il-Qorti allura jeħtieġilha tara jekk il-versjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. B'hekk ukol jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifuġju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

28. Lura għall-mertu tal-każ in eżami, f'sitwazzjoni simili ħafna għal dik mertu tal-kawża odjerna, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud et***[8], irriteniet illi l-ewwel illi għandu jiġu pruvat huwa illi r-rikorrent ikun effettivament għadda somma flus lill-intimat. Sussegwentement, *"Minn hawn għalhekk* [isseħħ] *l-inverżjoni tal-provi billi issa hija l-intimata li jenħtieġilha tipprova illi l-flus ma kenux ġew mislufa lilha iżda ingħatawlha bħala rigal."* Issostni l-Qorti:

[7] Appell Ċivili Nru 478/2000, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 17 ta' Marzu 2003
[8] Appell Ċivili Nru 510/2009/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ E Grima, 26 ta' Novembru 2014

*Din il-Qorti tqis illi l-avvenimenti li sawru l-għoti ta' dawn il-flus huma kemmxejn irrilevanti għar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza. Dak illi huwa rilevanti huwa il-fatt ippruvat illi l-flus għaddew minn għand ir-rikorrenti għal għand l-intimata Ferhani u l-animu li bih ingħataw. Billi għalhekk kien hemm kunflitt fil-provi għar-rigward dan il-punt, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tistrieħ fuq konġetturi, Iżda biss fuq dak li kien joħroġ mill-atti, mill-liġi u l-ġurisprudenza.*

*Illi għalhekk apparti l-att materjali, id-donazzjoni tirrikjedi wkoll bħala element essenzjali tagħha l-aspett soġġettiv, ossija l-prova tal-animu tal-liberalita`. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416):*

*"għall-effikaċja ġuridika tad-donazzjoni huwa meħtieġ (1) li l-oġġett mobili mogħtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat għall-kondizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oġġett donat, u b'mod li dan jgħaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jiżvesti ruħu immedjatament u irrevokabilment mill-oġġett li jkun irid jiddona".*

*Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tiġi eżaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali speċifiku ta' l-allegata donazzjoni.*

*Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti proċesswali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni għandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria*

*kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe każ sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja li seħħet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi ċari … …" (Kollez Vol XXXII pII p472).*

*[...]*

*Illi l-fattispecje tas-sentenza iċċitata mill-appellanti fir-rikors tal-appell tiegħu jittalljaw kważi perfettament mal-każ in diżamina fejn ġie deċiż:*

*"Hu car li f'sitwazzjonijiet bħal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu ġew mgħoddija taħt xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taħt liema titolu jkunu ġew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wieħed onoruż ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tiġi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuża għalih. F'dan il-każ hu manifest illi wieħed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalita' tramite donazzjoni. Titolu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruża u ċerta minn dik rikjesta fil-każ tat-titolu ta' self." (Margaret Woodall vs Anthony Rapa deciza fid-19 ta' Novembru 2001 App.Inf.)*

29. Ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-restituzzjoni ta' żewġ ammonti separati, u cioe ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600). Din il-Qorti sejra tindirizza dawn iż-żewġ ammonti taħt kapijiet separati għall-fini ta' kjarezza.

**A. <u>Is-Somma ta' Għoxrin Elf Ewro (€20,000</u>)**

30. Jirriżulta mill-atti s-segwenti *timeline*:

a. L-intimata kienet f'relazzjoni ma' iben ir-rikorrent, Philip Bugeja, bejn is-sena 2016 u s-sena 2019[9]. F'dan il-perjodu, Philip Bugeja jikkonferma illi kien hemm diversi okkażjonijiet fejn kien ta' għajnuna finanzjarja għall-intimata, mingħajr ma stenna illi l-flus illi kien qed jgħaddilha jiġu rifużi lilu[10]. Jidher illi r-relazzjoni tal-intimata mar-rikorrent kienet ukoll waħda tajba f'dan il-perjodu, u r-rikorrent saħansitra jgħid fl-affidavit tiegħu illi kienu diversi d-drabi meta għen lill-intimata finanzjarjament[11]. Huwa jikkalkola illi apparti l-flus illi qiegħed jitlob illi jiġu restitwiti fil-każ odjern, huwa għaddhielha circa sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000) tul is-snin[12]. L-intimata ġġib prova wkoll illi r-rikorrent kien għadda s-somma ta' sitt elef u ħames mitt Ewro (€6,500) lil ommha sabiex tagħmel operazzjoni[13];

b. F'Settembru 2019, is-*salon* tal-intimata ħa n-nar. L-intimata tallega fl-affidavit tagħha illi dan kien aġir ta' Philip Bugeja[14];

c. Fit-tmienja (8) ta' Jannar 2021, ir-rikorrent ittrasferixxa l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) lill-intimata[15]. Fuq it-*transaction receipt*, il-pagament huwa mmarkat bħala *"Allowance"*. Huwa dan il-pagament illi jifforma parti mill-mertu tal-kawża odjerna;

d. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2021, ġiet reġistrata l-kumpanija G-Salon Limited[16]. L-intimata ssostni fl-affidavit tagħha illi, *"In connection with the above incident* [cioe illi ħa n-nar is-*salon* tagħha]*, John Bugeja had urged me not to take action against Philip and his father was telling me that he will assist me with opening a new salon*

[9] Vide para 4 tal-affiadvit ta' Philip Bugeja, a fol 29h tal-proċess
[10] Ibid.
[11] Vide para 4 tal-affidavit tar-rikorrent, a fol 29c tal-proċess
[12] Ibid.
[13] Vide e-mail annessa mal-affidavit tal-intimata u mmarkata **Dok C** a fol 82 tal-proċess
[14] Vide affidavit tal-intimata a fol 75 tal-proċess, u e-mails annessi mal-affidavit immarkati **Dok F** a fol 86-87 tal-proċess
[15] Vide *transaction receipt* immarkata **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess
[16] Vide **Dok I** anness mal-affidavit tal-intimata, a fol 98 tal-proċess

*with me and to forget all about what had happened so that Philip would not be in trouble."* Għalhekk, *"John had come up with the idea that we setup a company together and indeed a company was set up under the name of G-Salon Limited wherein John was to be shareholder and I was to be a director. For this purpose and in light of what had happened to the salon before (the fire) and the fact that he wanted to protect Philip, John had transferred to me the sum of €20,000 to assist with the setting up of the salon and with my general financial position considering that my salon literally went up in flames."*[17];

e. F'Marzu 2021, ir-rikorrent bagħat tliet e-mails lill-intimata jinterpellaha sabiex tirrifondi l-għoxrin elf Ewro (€20,000) illi hu kien trasferhielha f'Jannar 2021[18];

f. Fis-sitta u għoxrin (26) t'April 2021, il-kumpanija G-Salon Limited ġiet likwidata[19];

g. F'Mejju 2021, ir-rikorrent bagħat ittra interpellatorja lill-intimata illi fiha reġa' talab ir-rifużjoni tas-somma t'għoxrin elf Ewro (€20,000);

h. Ir-rikorrent jesebixxi sensiela ta' traskrizzjoniet ta' *recordings* (esebit ukoll in atti) illi ttieħdu bejn Awwissu u Diċembru 2021[20], illi fihom l-intimata titlob aktar żmien għar-rifużjoni tal-flus lir-rikorrent. Filwaqt illi r-rikorrent jikkonsidra dawn ir-*recordings* l-aqwa prova tal-fatt illi l-intimata kienet qed tirrikonoxxi illi kellha tħallas is-somma mgħoddija lilha mir-rikorrent, l-intimata ssostni illi peress illi f'dan il-perjodu r-rikorrent kien beda jintavola xi mandati ta' sekwestru illi bihom kienu qed jiġu sekwestrati flusha, hija ma kellhiex alternattiva għajr illi twiegħdu illi se tirrifondi l-flus lir-rikorrent. Dan, iżda, mhux għax hekk kien miftiehem mill-bidu, iżda sabiex jaqgħu l-mandati ta' sekwestri u jiġu liberati l-kontijiet bankarji tagħha;

---

[17] Vide l-affidavit tal-intimata, a fol 75 tal-proċess
[18] Vide **Dok B, C u D** annessi mar-rikors promotur, a fol 8, 9 u 10 tal-proċess
[19] Vide dokumenti esebiti minn Nicholas Dimech immarkati **Dok ND**, a fol 41 *et seq* tal-proċess
[20] A fol 50 *et seq* tal-proċess

i. Il-kawża odjerna ġiet intavolata lejn l-aħħar ta’ Diċembru 2021;

31. Huwa fatt pruvat u mhux kontestat illi l-flus għaddew mingħand ir-rikorrent għal għand l-intimata, b’dana illi għalhekk l-att materjali ġie sodisfaċentement pruvat. Madanakollu, din il-Qorti mhix konvinta illi l-intimata rnexxielha ġġib l-aħjar prova tal-animu tal-liberalita’ da parti tar-rikorrent;

32. Filwaqt illi huwa minnu illi jidher illi lanqas qed jiġi kontestat illi kien hemm żmien, meta iben ir-rikorrent u l-intimata kienu għadhom f’relazzjoni, fejn ir-rikorrent u ibnu għenu lill-intimata b’mod finanzjarju permezz ta’ numru ta’ donazzjonijiet, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen illi r-rikorrent kien ser jgħaddi s-somma ta’ għoxrin elf Ewro (€20,000) lill-intimata mingħajr ma jippretendi li s-somma b’xi mod tiġi restitwita wara li din ir-relazzjoni ntemmet. Dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent jgħid illi huwa fin-negozju. Infatti, hekk kif ġie ampjament pruvat fil-proċeduri odjerni, meta beda jiddiskuti mal-intimata l-possibilita’ illi hija tiftaħ *salon* ġdid, jidher illi mhux qed jiġi kontestat mill-intimata illi l-ħsieb da parti tar-rikorrent dejjem kien illi tiġi stabbilita kumpanija, sabiex is-*salon* jiġi operat taħt il-kappa ta’ kumpanija. Hija l-intimata stess illi tgħid, *“John had come up with the idea that we setup a company together [...]”*[21], b’dana illi tirrikonoxxi illi l-idea kienet tiegħu. Irrispettivament mir-raġuni illi għaliha għaddew l-għoxrin elf Ewro (€20,000), li kieku r-rikorrent kien qiegħed jgħaddi l-għoxrin elf Ewro (€20,000) bl-*animus donandi* sabiex l-intimata terġa’ tieqaf fuq saqajha, tiftaħ *salon* ġdid u terġa’ tibda taħdem, ma kienx ser jissuġġerixxi illi tinfetaħ kumpanija illi kienet ser iżżommu konness mal-intimata u xogħolha, iżda kien jagħtiha l-flus u jħalliha taħdem għal rasha. Dan, iżda, ma kienx il-każ, u, infatti, meta ħa parir u rrealizza illi *qua shareholder* fil-kumpanija huwa ma kienx ser ikollu dritt illi jindaħal fil-mod illi bih jiġi ġestit in-negozju, ir-rikorrent ipproċeda sabiex tiġi

[21] Vide affidavit tar-rikorrenti, a fol 75 tal-proċess

likwidata l-istess kumpanija. Huwa evidenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi r-rikorrent kien qed jikkonsidra r-reġistrazzjoni ta' kumpanija u l-ftuħ tas-*salon* ġdid bħala *business venture* mal-intimata. Jekk il-flus verament ngħataw lill-intimata għar-raġuni illi hija qed issostni, din il-Qorti qajla tista' temmen illi r-rikorrent għadda l-flus bl-animu tal-liberalita'. Dan aktar u aktar meta l-intimata ma tressaq l-ebda prova ta' dan il-fatt;

b. Fit-tieni lok, kienu diversi d-drabi illi r-rikorrent talab lill-intimata sabiex tħallsu lura, saħansitra minn xahrejn wara illi għaddhielha l-flus. Qabel intavola l-proċeduri odjerni, jidher illi interpellaha kemm b'mod informali permezz ta' *e-mails*[22], kif ukoll b'ittra interpellatorja tramite l-avukat illi kien jippatroċinah f'Mejju 2021[23]. Isemmi wkoll ir-rikorrent (anke jekk ma jesebixxix kopja tagħhom) illi intavola ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A u mandat ta' sekwestru qabel ipproċeda bil-kawża odjerna. Dan kollu juri illi l-pożizzjoni tar-rikorrent kienet dejjem konsistenti, u cioe illi kien qiegħed jippretendi l-ħlas lura tal-għoxrin elf Ewro (€20,000), irrispettivament mir-raġuni għalfejn l-istess somma għaddiet mir-rikorrent lill-intimata;

c. Fit-tielet lok, ir-*recordings* esebiti mir-rikorrent in atti mhux talli jikkonfermaw għal darb'oħra l-fatt illi r-rikorrent dejjem insista illi jiġbor l-għoxrin elf Ewro (€20,000) lura, <u>iżda talli jikkonfermaw ukoll il-fatt illi l-intimata kienet lesta tagħtihomlu</u>. L-intimata ssostni illi hija talbet għal żmien għal ħlas mhux għax kienet qed tirrikonoxxi l-fatt illi l-flus kienu dovuti, iżda għaliex riedet illi jaqgħu l-mandati ta' sekwestru; madanakollu, din il-Qorti taqbel mar-rikorrent in kwantu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jissottometti illi li kieku l-intimata ma kinitx konxja tal-fatt illi l-flus kellhom jiġu restitwiti lir-rikorrent, kienet mill-inqas tistaqsi għalfejn sar il-mandat ta' sekwestru, u/jew issemmi, f'xi punt fil-ħames konverżazzjonijiet illi kellha mar-rikorrent illi tagħhom ġew esebiti r-*recordings*, illi hija kienet taħt l-impressjoni illi l-flus kienu

[22] Vide **Dok B, C u D** annessi mar-rikors promotur, a fol 8, 9 u 10 tal-proċess rispettivament
[23] Vide **Dok E** a fol 11 tal-proċess

rigal, u mhux self *brevi manu*. Kienet ukoll tmur titlob il-parir t'avukat sabiex tifhem eżattament għalfejn, fuq naħa waħda r-rikorrent kien qed jgħidilha illi m'hemmx kawżi kontriha, u fuq in-naħa l-oħra l-banek kienu qed jgħidulha illi l-assi tagħha kienu friżati. Madanakollu, ir-*recordings* jagħmluha ċara illi l-intimata riedet biss aktar żmien għall-ħlas, u r-rilaxx tal-kontijiet bankarji tagħha. Din hija, fil-fehma tal-Qorti, l-aqwa prova illi l-intimata kienet konxja tal-fatt illi l-flus kienu ngħataw lilha b'self, u li kienu dovuti lura lir-rikorrent;

d. Finalment, il-fatt innifsu illi r-rikorrent kien għadda lill-intimata xi flus oħra bħala rigal, ma jfissirx illi s-somma t'għoxrin elf Ewro (€20,000) illi għadda f'dan il-każ (meta l-intimata kienet għadha biss ħabiba tal-familja u mhux f'relazzjoni m'ibnu) kellha wkoll tiġi interpretata bħala donazzjoni jew rigal. Kemm **Mary Madalene sive Madlyn Calleja Urry**[24], kif ukoll **Dusica Jahovic**[25] jagħmlu referenza għall-fatt illi r-rikorrent ġie li kien għen lill-intimata finanzjarjament mingħajr pretensjoni illi l-flus minnu mogħtija jiġu restitwiti, b'dana illi jagħtu l-impressjoni illi s-somma t'għoxrin elf Ewro (€20,000) illi r-rikorrent ta lill-intimata sabiex tiftaħ *salon* ġdid kellhom jitqiesu bl-istess mod bħala donazzjoni. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi kull każ għandu jitqies fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. **Dusica Jahovic** tgħid illi r-raġuni għalfejn ir-rikorrent talab il-flus lura f'dan il-każ kien illi bintha ma baqgħetx f'relazzjoni ma' Philip Bugeja, iżda jirriżulta ben pruvat mill-atti illi sal-2021, ma kien għad hemm l-ebda relazzjoni bejn Philip Bugeja u l-intimata, għajr waħda amikevoli;

33. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi ġie pruvat, sal-grad ta' prova rikjest mil-liġi u ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, illi r-rikorrent ma kellux l-*animus donandi* meta għadda s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) lill-intimata, b'dana illi s-somma għandha tiġi restitwita mill-intimata lir-rikorrent.

[24] Vide l-affidavit tagħha a fol 103 tal-proċess
[25] Vide l-affidavit tagħha a fol 108 tal-proċess

## B. Is-Somma ta' Elf u Sitt Mitt Ewro (€1,600)

34. F'dak illi jirrigwarda s-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) illi r-rikorrent jinsisti illi huwa ħallas sabiex l-intimata tixtri telefon ċellulari ġdid, din il-Qorti tqis illi, b'kuntrast għas-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), l-interprellazzjonijiet illi saru qabel ġiet intavolata din il-kawża da parti tar-rikorrent sabiex l-intimata tirrestitwixxi l-flus illi hu kien sellifha, ma kinux jinkludu s-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600). Infatti, kemm l-*e-mails* mibgħuta lilha, kemm l-ittra interpellatorja, u anke r-*recordings* jagħmlu referenza biss għar-restituzzjoni tas-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000);

35. In oltre, ir-rikorrent ma jippreżenta l-ebda prova illi effettivament ħallas dan l-ammont sabiex inxtara telefon ċellulari għall-intimata. Filwaqt illi hija la tikkonferma u lanqas tikkontesta dan l-ammont, l-intimata tgħid biss illi hija kkunsidrat it-telefon ċellulari bħala rigal stante illi *"John Bugeja is not first time buying me the phone."*[26]

36. Sfortunatament, fin-nuqqas ta' prova tal-fatt illi l-att materjali seħħ, u cioe illi tħallset is-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) mir-rikorrent sabiex inxtara t-telefon ċellulari lill-intimata, din il-Qorti ma tistax, b'konvinċiment morali, tqis illi ġie pruvat illi dan l-ammont huwa verament dovut;

37. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiċħad it-talba rikorrenti in kwantu tagħmel referenza għall-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) allegatament dovuti bħala self sabiex l-intimata tixtri telefon ċellulari ġdid.

## C. Ir-Raba' Talba Rikorrenti

38. Fir-raba' talba tiegħu, ir-rikorrent jitlob lil din il-Qorti tawtorizzah sabiex jirtira u jirċievi s-somma t'għoxrin elf u ħamsa u erbgħin Ewro (€20,045) illi tinsab depositata biċ-ċedola ta' depożitu nru 1870/2021 u sekwestrata

[26] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tagħha, a fol 131 tal-proċess

f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 1810/2021;

39. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi fl-ewwel lok għanda tiġi esegwita l-proċedura kontemplata mill-Artikolu 838B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, sabiex ir-rikorrent ikun jista' jirtira l-flus hekk depożitati;

40. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**Decide**

41. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' *in parte*** l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrent fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), u għalhekk qiegħda tiġi kanonizzata debitriċi tar-rikorrent fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000). Mill-banda l-oħra, **tiċħad** l-istess talba in kwantu t-talba tagħmel referenza għall-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600);

(ii) Konsegwentement **tiċħad** it-tieni talba;

(iii) **Tilqa' *in parte*** t-tielet talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimata biex tħallas lir-rikorrent is-somma kapitali ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), bl-imgħax legali dekorribbli mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 2021 fit-termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap 16, sad-data tal-effettiv pagament;

(iv) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba tar-rikorrent;

(v) **Tilqa' *in parte*** l-ħames talba attriċi, u tordna illi l-intimata tħallas erba' partijiet minn ħamsa (4/5) tal-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-

mandat ta' sekwestru bin-numru 1810/2021, filwaqt illi r-rikorrent iħallas parti waħda minn ħamsa (1/5) tal-istess spejjeż. Dan wara li din il-Qorti kkunsidrat illi t-talbiet rikorrenti mhumiex qed jiġu milqugħa fl-interita' tagħhom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**